MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 241/2013

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta’ Awissu tal-1988 u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat ‘Dok A’;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li jisimhom L u X, it-tifel illum ghandu 22 sena u t-tifla ghandha 16-il sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Carmel Gafa' fit-tlettax (13) ta' Novembru 2004, hawn anness u markat "Dok B";

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn seba' snin separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin tant li r-rikorrent ghandha kull intenzjoni illi terga tizzewweg sabiex tghix hajja ta' familja jekk ikun hemm ezitu pozittiv minn dawn il-proceduri;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 2) l-komparenti B kienu ftiehmu fuq l-obbligu li l-intimat zewgha jhallas manteniment fil-gimgha lill-komparenti martu s-somma hekk miftiehma f'manteniment lilha personali u ammont iehor f'manteniment lilha f'isem uliedhom;

Illi ghalkemm l-intimat naqas f'dan l-obbligu tal-manteniment lilha u lil uliedu, raguni ewlenija ghaliex huwa dizokuppat, l-esponenti ma hija titlob u tistenna xejn minghand l-intimat u del resto tal-klawsoli fil-kuntratt ta' separazzjoni gew onorati;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66 (B) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) F'kaz ta' ezitu pozittiv tal-ewwel talba, tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Grima;
(3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll bil-fatt, jekk din il-Qorti joghgobha tilqa t-talba, illi r-rikorrenti rrivertiet ghal kunjomha ta' xebba u cioe' Grima;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Mejju, 2013;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta’ Novembru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta’ manteniment;

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Grima, filwaqt illi tilqa din it-talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Grima, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet l-ohrajn, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------